

Brussell, 18 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14477/22

LIMITE

CYBER 353  
JAI 1430  
DATAPROTECT 303  
MI 799  
CSC 505  
CSCI 163  
CODEC 1686  
IA 179

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0272(COD)**

---

---

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14680/22, 12429/22 + ADD 1-6
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 - Rapport ta' progress

---

Il-Presidenza ħejjiet rapport ta' progress dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020, sabiex tirrapporta dwar il-ħidma mwettqa s'issa mill-korpi preparatorji tal-Kunsill u dwar is-sitwazzjoni attwali tal-eżami tal-proposta.

Dan ir-rapport ġie ppreżentat mill-Presidenza lill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (HWPCI) fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Novembru 2022.

## **INTRODUZZJONI**

1. Fil-15 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020. Imħabbra għall-ewwel darba mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2021, l-ideja ġiet riflessa fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2022 dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea, li stiednu lill-Kummissjoni biex sa tmiem l-2022 tipproponi rekwiżiti komuni għal apparati konnessi. Qabel ma tħabbret, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar iċ-ċibersigurtà ta' apparati konnessi ssottolinjaw l-importanza li tiġi vvalutata l-ħtieġa għal leġislazzjoni orizzontali, li tispeċifika wkoll il-kondizzjonijiet meħtieġa għat-tqegħid fis-suq, fit-tul, biex jiġu indirizzati l-aspetti rilevanti kollha taċ-ċibersigurtà tal-apparati konnessi, bħad-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità.
2. L-iskop ta' din il-proposta, li hija bbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, huwa li tarmonizza r-rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà għal prodotti b'elementi diġitali fl-Istati Membri kollha u tevita rekwiżiti doppji kaġun ta' biċċiet differenti ta' leġislazzjoni. Il-proposta għandha l-għan li timla l-lakuni fil-leġislazzjoni eżistenti dwar iċ-ċibersigurtà billi tiżgura li l-prodotti b'elementi diġitali pereżempju l-prodotti tal-Internet tal-Oġġetti (IoT), bħal kameras tad-dar konnessi, friġġijiet, settijiet tat-televiżjoni, ġugarelli, u software mhux inkorporat isiru siguri tul il-katina tal-provvista kollha u matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom. Tiċċara wkoll ir-rabtiet mal-leġislazzjoni eżistenti u tikkontribwixxi biex il-leġislazzjoni eżistenti ssir aktar koerenti. Fl-aħħar nett, il-proposta tippermetti wkoll lill-utenti jqisu ċ-ċibersigurtà meta jagħżlu u jużaw prodotti b'elementi diġitali.

3. B'mod partikolari, il-proposta tistipula:

- ir-regoli għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti b'elementi diġitali biex tiġi żgurata ċ-ċibersigurtà ta' tali prodotti;
- ir-rekwiżiti essenzjali għad-disinn, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti b'elementi diġitali, u l-obbligi għall-operatori ekonomiċi marbuta ma' dawn il-prodotti fir-rigward ta' ċibersigurtà;
- ir-rekwiżiti essenzjali tal-proċessi għat-trattament tal-vulnerabbiltà adottati mill-manifatturi biex jiżguraw iċ-ċibersigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u l-obbligi għall-operatori ekonomiċi rigward dawn il-proċessi; u
- ir-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq u l-infurzar tar-regoli u r-rekwiżiti msemmija hawn fuq.

### **SITWAZZJONI ATTWALI TAL-ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL**

4. Il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (HWPCI) beda jeżamina l-proposta fil-21 ta' Settembru 2022, bi preżentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni. Wara din il-preżentazzjoni ġenerali, l-HWPCI ddiskuta l-valutazzjoni tal-impatt fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Settembru 2022. Diversi Stati Membri daħħlu riżervi ta' skrutinju biex ikomplu jistudjaw il-valutazzjoni.
5. L-HWPCI eżamina t-test kollu tar-Regolament propost fil-laqgħat tiegħu tal-5, it-12, id-19 u s-26 ta' Ottubru 2022. Permezz ta' dan il-qari tat-test kollu, l-Istati Membri setgħu jitolbu u jirċievu spjegazzjonijiet dettaljati mill-Kummissjoni dwar l-artikoli u l-annessi kollha tar-Regolament propost.

6. Barra minn hekk, fil-laqgħa tal-HWPCI tad-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni tat spjegazzjoni dettaljata tar-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti fl-Unjoni b'enfasi partikolari fuq proposta ppubblikata reċentement għal Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi u dwar l-interazzjoni tar-Regolament propost u r-regoli tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti.
7. Fuq talba tal-Presidenza u wara l-interess muri mill-Istati Membri, fit-13 ta' Ottubru 2022 il-Kummissjoni organizzat sessjoni ta' ħidma online dwar il-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid biex tiċċara l-istruttura u l-elementi fundamentali tal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti li jintuża bħala bażi għar-Regolament propost. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet dettalji dwar id-devjazzjonijiet mill-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid speċifiku għar-Regolament propost.
8. Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT. Dawn il-konklużjonijiet laqgħu r-Regolament propost bħala strument leġiżlattiv importanti għall-avvanz tal-iżvilupp sigur ta' prodotti b'elementi diġitali, u biex jiġi żgurat li ċ-ċibersigurtà titqies fiċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' prodotti b'elementi diġitali. Barra minn hekk, il-Kunsill innota li r-Regolament propost għandu potenzjal li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tiżni tas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT u ħeġġeġ negozjati kostruttivi u adozzjoni f'waqtha tar-Regolament propost.
9. Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta<sup>1</sup>.
10. Fil-laqgħat tal-HWPCI ddedikati għall-qari tat-test kollu tar-Regolament propost, l-Istati Membri, b'mod ġenerali, laqgħu ir-Regolament propost bħala xieraq u appoġġaw l-oġettivi globali tiegħu. In-natura orizzontali ġiet enfasizzata minn diversi Stati Membri bħala aspett importanti tar-Regolament propost.

---

<sup>1</sup> Opinjoni 8/2022 tal-EDPS.

11. Fid-diskussjonijiet, l-Istati Membri talbu għal aktar kjarifiki dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. B'mod partikolari, dwar il-punt sa fejn is-software bħala servizz huwa kopert jew le, u sa fejn twassal l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni għal prodotti żviluppati esklużivament għal skopijiet ta' sigurtà nazzjonali u militari. Barra minn hekk, l-Istati Membri indikaw li d-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal prodotti kritiċi jistħoqqilha diskussjoni bir-reqqa. L-Istati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal ċarezza dwar l-interazzjoni ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra, bħad-Direttiva NIS 2 jew l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà. Il-ħtieġa għal kjarifika ta' xi termini użati fir-Regolament propost ġiet enfasizzata wkoll minn xi Stati Membri.
12. B'żieda ma' dan, l-Istati Membri appellaw ukoll għal valutazzjoni mill-qrib tal-piż li jirriżulta mill-obbligi skont ir-Regolament propost għal intrapriżi zġhar u ta' daqs medju u negozji ġodda li jiżviluppaw u jimmanifatturaw prodotti b'elementi diġitali koperti mir-Regolament propost. Xi Stati Membri esprimew ix-xewqat tagħhom għal eżami mill-qrib tal-limitazzjoni proposta għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali għall-ħajja mistennija tal-prodott jew ħames snin wara t-tqegħid ta' prodott fis-suq intern, skont liema jkun l-iqsar.
13. Barra minn hekk, l-iskambji li saru matul is-sessjonijiet tal-eżami tat-test kollu indikaw li r-rwol u l-kompiti previsti għall-ENISA għandhom ikunu soġġetti għal aktar diskussjonijiet.
14. Wara d-diskussjonijiet fl-HWPCI, il-Presidenza stiednet lill-Istati Membri jressqu kummenti bil-miktub dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost u klawżola dwar il-moviment liberu, inkluż l-Artikoli 2 u 4 u bl-inklużjoni parzjali tal-Artikolu 3. Kemm il-Presidenza Ċeka attwali kif ukoll il-Presidenza Żvediża li jmiss jemmnu li jekk il-kwistjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-klawżola tal-moviment liberu jiġu indirizzati fl-ewwel sessjonijiet ta' negozjati fl-HWPCI, dan iwassal għaċ-ċarezza meħtieġa dwar l-applikabbiltà tar-Regolament propost u tingħata bażi tajba għal aktar negozjati.
15. Abbażi tal-kontributi bil-miktub mill-Istati Membri u l-ħidma fl-HWPCI, il-Presidenza biħsiebha tfassal test ta' kompromess dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-klawżola dwar il-moviment liberu.

16. B'kollox, l-HWPCI ser ikollu total ta' għaxar laqgħat dwar il-proposta tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika taħt il-Presidenza Ċeka.
17. Waqt li tibni fuq il-progress li sar mill-Presidenza Ċeka, il-Presidenza Żvediża li jmiss biħsiebha tkompli l-ħidma dwar dan il-fajl importanti.
18. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota tal-progress li sar fir-rigward tal-eżami tal-proposta għal Regolament.

---